# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**ILLUM 10 ta' Lulju 2024**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**vs**

**Michael Raymond Sciberras**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **l-imputat: <u>Michael Raymond Sciberras, ta tlieta u tletin sena (33), bin David Sciberras u Jill Ann Sciberras nee Neaves, imwieled Hatfield England nhar l-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija wieħed u disgħin (1991), mingħajr residenza, detentur tal-karta tal-identita' numru 215805L</u>**

**<u>Akkużat talli</u>**: ***b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, liema atti jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:***

1. *Talli nhar it-tnax (12) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn id-disgħa (21:00) ta' filgħaxija u l-għaxra (22:00) ta' filgħaxija ġewwa Cafe Riche Birgu, Triq Pawlu Boffa, Birgu ikkommettejt serq ta' flus u/jew oġġetti ikkwalifikat bil-ħin u dan sar għad-dannu ta' Marisa Cassar u/jew*

*persuna u/jew persuni oħra u għal-entita' ta' Cafe Riche u/jew entita' u/jew entitajiet oħra;*

2. *Talli nhar it-tnejn (2) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn it-tmienja (20:00) ta' filgħaxija u id-disgħa (21:00) ta' filgħaxija ġewwa Birgi Cafe Triq San Lawrenz Birgu ikkommettejt serq ta' flus u/jew oġġetti u dan sar għad-dannu ta' Birgi Cafe u/jew entita u/jew entitajiet oħra u/jew persuna u/jew persuni oħra;*

3. *U iktar talli fl-istess żmien, lok u ċirkostanzi, irrenda ruħu reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu.*

*Il-Qorti hija ġentilment mitlub fil-każ ta` ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputati sabiex tipprovdi għas-sigurtà tal-familjari tal-vittma kif ukoll sabiex tipprovdi għas-sigurtà tax-xhieda kollha li eventwalment jiddeponu f'din il-kompilazzjoni, bil-għan li x-xhieda kollha jkunu protetti minn fastidju jew imġiba oħra li tikkaġunalhom biża' ta' vjolenza;*

*Fil-każ ta' ħtija għar-reati kollha jew uħud minnhom, minbarra li tinfliġġi l-piena skont il-liġi, tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew ta' kull artikolu ieħor tal-liġi li jista' jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni.*

**Rat id-dokumenti esebiti** fosthom il-fedina penali tal-imputat (Dok AM 5), *current incident reports* (Dok AM 8 u 9), l-istqarrija tal-imputat (Dok AM 7), il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja (Dok AM 2) u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu anke wara li l-Qorti wissietu dwar il-konsegwenzi tal-istess ammissjoni u tagħtu żmien biex jerġa jikkunsidra l-pozizzjoni tiegħu u jerga jikkonsulta ruħhu mal-avukat.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat għar-reati addebitati lilu.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u dawn għalhekk ġew sodisfaċentement ippruvati skond il-Liġi.

Illi sabiex tigi kkalibrata l-piena li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat, l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat, l-fedina penali tiegħu, l-ammissjoni bikrija tiegħu, iċ-ċirkostanzi li wasslu għar-rejat u kif ukoll dak sottomess minn entrambi l-partijiet dwar il-piena waqt it-trattazzjoni tagħhom fejn id-difiża u l-prosekuzzjoni issuġġerew lill-Qorti piena ta' sena priġunerija effettiva u ordni ta' trattament għal żmien sena. Il-Qorti hi tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ piena karċerarja effettiva u ordni ta' trattament kif suġġerit hija piena idoneja anke tenut kont li l-ħati jeħtieġ programm ta' riabilitazzjoni mid-droga.

***DECIDE***

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 261(f), 270, 281(a), 289, 49, 50 u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **MICHAEL RAYMOND SCIBERRAS detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 215805L** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tikkundannah **għal piena kumplessiva ta' tnax (12) il-xahar priġunerija effettiva.** Inoltre b'applikazzjoni tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qeda toħroġ ukoll Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati għall-żmien sena (1) millum bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħtija kontestwalment.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għall-atti kollha ta' dawn il-proċeduri u ta' din is-sentenza bil-mezz u fiż-żmien pprovdut mill-Ligi.

**Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Reġistratur**
**10 ta' Lulju 2024**